# FRA KURRADU

Minn xħin jisbaħ sa ma jidlam
itla w inżel bla mistrieħ;
kemm il-darba ħadd ma jgħoddhom,
dejjem sieber u bla nfieħ.
Issa fqir jittallab ħobża
issa ruħ trid il-fejqan,
issa ħaġa w issa oħra,
itla w inżel bla serħan.

Dawk it-tfal: ċempel u erġa'
—afli tfal!—igħidulu l-ħbieb.
Iżda għalxejn: għoxrin ċenċila?
Għodd għoxrin fetħa tal-bieb;
u arah ħelu jitbissem
bla ma kelma jebsa jgħid;
malli jiftaħ, wit-tfal tiġri
tidħak jara minnu bgħid,

iberikhom, għax fiċ-ċajta
wkoll jara t'Alla l-lsien,
jara d-driegħ li b'hekk joffrilu
minn xi dnub forsi l-ħelsien;
għax il-leħen tal-qanpiena,
sew bis-sod u sew biċ-ċajt,
kien għalih il-leħen t'Alla
li jaħtieġ tkun dejjem smajt.

Iżda fl-aħħar ta' l-imgħoddi
sfat is-saħħa tar-riġlejn,
iż-żgħożija ħarbet, għabet;
ma ħalliet warajha xejn:
xejn, ħlief gods ta' għadam iebes
li jitħarrek ma jistâx,
u fih ruħ li mewt għajr lilek,
mewt għajr lilek ma tarax,

mhux tixtieqek jekk ta' Alla
mhix ir-rieda l'inti tmur,
iżda ssibha bi tbissima
tistenniek xħin lilha żżur,
Minn ċellithom kollha ħarġu
għal ġol-kor il-patrijiet:
ix-xemx nieżla, ħemda waqgħet:
it-talb biss jikser is-skiet.

Ħadd ma nduna biċ-ċenċila
li xi ħadd ċenċel fil-bieb:
dak il-ħin miġbura f'talbhom,
biss fit-talb kellhom il-ħsieb.
Ħadd ma nduna; iżda wieħed
Sema', u xi jgħodd li hu marid?
jagħmel ħiltu, iħalli soddtu,
imur jiftaħ kieku jrid.

Sew fuq l-għatba ta' kamartu,
malli fetaħ stabat fl-art:
Fra Kurradu minn tjubitek
jiflaħ aktar issa l-mard!
Ġew, ġabruh, raddewh lil soddtu
u madwaru qagħdu l-koll:
waslet fl-aħħar biex minn ġismu
ir-ruħ tiegħu rbatha tħoll.

Kien April, April l-imfewwaħ,
kollu ħajja, kollu lwien
li għas-sejħa tiegħu jara
twelid ġdid fost il-ħolqien;
fuq kull werqa ta' kull siġra
tgħanni bejta ta' għasfur,
ġo kull traba ta' kull għalqa
hemm żerriegħa li trid tfur.

Imma ħelu wkoll f'dis-siegħa
xħin imut qiegħed il-jum
f'din il-ħemda, qalb dil-fwieħa
minn għoljiet, ġonna w irdum,
fost it-talb ta' qlub imqaddsa
mat-tislima lil Marija
għajnejk tagħlaq u tiftaħhom
minn ta' Alla fis-sbuħija.

C. Mifsud Bonnici LL.D.